MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 871/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Domenic Cassar**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 2472/98FDP) giet deciza min din il-Qorti fit-8 ta' Jannar, 1999, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Maltacom plc s-somma ta' Lm1,142.27 (elf, mija tnejn u erbghin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu), *in konnessjoni* mas-servizz telefoniku numru 312941 li kien

installat fil-fond *‘Krush Clothes’ The Plaza Shopping Centre, Triq Bizazza, Sliema*, bl-imghax u bl-ispejjez.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, *oltre* Lm169.50 (mija disgha u sittin liri Maltin u hamsin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *“A”* kif ukoll Lm609.21 (sitt mija u disgha liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm1,920.98 (elf, disgha mija u ghoxrin liri Maltin u tmienja u disghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta risposta jew jidher fl-udjenza, u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------